**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A20-08

25 ta' Lulju 2008

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru K5/20</u>**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **it-Tlieta 29 ta' Lulju 2008, fl-4.45 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Approvazzjoni ta' l-*Annual Report* u *Financial Statements* mħejji mill-Awditur tal-Gvern
6. Konklużjoni Kawża 123 Triq Cameron (Sur Borg Ginger)
7. Diskussjoni u Deċiżjoni *Business Plan – Activities Centre*
8. Diskussjoni u Deċiżjoni dwar il-proċedura tas-servizz offrut mid-ditta Conmal
9. Diskussjoni u Deċiżjoni dwar ħruġ ta' *Tender for the upgrading works at Council of Europe Gardens Gżira*
10. Diskussjoni u Deċiżjoni dwar ħruġ ta' *Tender* ta' *re-surfacing* tal-parti t'isfel ta' Triq Belvedere
11. Affarijiet Oħra
12. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

27 t' Awwissu 2008

Ref Nru.Klg5/020

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/20 li saret it-Tlieta 29 ta' Lulju 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fl-4.45 p.m.

Preżenti

Seba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-25 ta' Lulju 2008.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 17 ta' Ġunju 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**2. Materji Konnessi**

**2.1. paġna Nru.6 – para 6.1.** Iċ-*Chairman* ta' rendikont tad-diskussjoni li kellu mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-Sur Natalino Attard, dwar il-proposta *Savoy Gardens* il-Ġimgħa 25 ta' Lulju 2008, dwar il-fattur li għall-Kunsill ma kienx possibbli li din titqies bħala donazzjoni u għamel referenza għall-korrispondenza mibgħuta minn dan il-Kunsill datata 23 ta' Ġunju 2008, fejn fiha l-Kunsill spjega d-deċiżjoni tiegħu. Huwa kompla jgħid, li s-Sur Natalino Attard qabel verbalment mal-pożizzjoni tal-Kunsill u nforma li kien ser jibgħat din ir-risposta bil-miktub.

Il-Kunsillier Ian Micallef staqsa x'kienet il-proposta u x'kien il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill Dott. Edward Woods.

Il-Kunsill ġie nfurmat, li dwar din il-materja kien ha żewġ pariri kemm minn Dott Woods kif ukoll, minn Dott. Ivan Gatt fejn dan ta' l-aħħar, minkejja r-risposta tal-mistoqsija parlamentari, kien issuġġerixxa li tinfetaħ kawża fuq parti biss, mill-ammont.

Iċ-*Chairman* qal, li l-proposta ġiet diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill li saret fis-17 ta' Ġunju 2008, fejn kienu ntbagħtu wkoll, kopja tal-minuti tal-laqgħa li kienet saret fit-13 ta' Mejju 2008, bejn il-Kunsill u rappreżentanti tad-ditta *Savoy Gardens*. Huwa kompla jgħid, li sa fejn kien jaf hu l-probabilita' kienet, li l-*claim* tintilef u dan invista tal-fatt, li kien hemm sentenza ċara mogħtija mill-Qorti dwar dan il-fatt.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sad-29 ta' Lulju 2008 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Martin Stivala, *Human Resource Executive* għan-nom tal-kumpanija I.P.S.L. dwar xi tagħrif fuq il-ħaddiema assenjati f'dak li għandu x'jaqsam mal-*performance*, imġieba u kapaċita' fuq il-postijiet tax-xogħol.

Il-Viċi-Sindku nforma, li hu kien attenda laqgħa ndirrizzata mill-Prim Ministru fejn matulha sar enfasi dwar din il-materja rigward l-użu ta' dawn il-ħaddiema.

Il-Kunsillieri ġew mistiedna jressqu l-kummenti tagħhom dwar il-ħaddiema ta' l-I.P.S.L.

Minħabba l-fatt, li ma tressaq ebda kumment, iċ-*Chairman* informa li kien ser jiddiskutiha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u wara jissottometti r-risposta għan-nom tal-Kunsill.

**3.4.** Sar qbil unanimu b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard li l-Kunsill jħallas l-ammont ta' €6,216.82 dwar kont tal-Ġnien tal-Gżira li l-Kunsill irċieva mill-Korporazzjoni Enemalta, liema ammont jkopri s-snin 2006, 2007 u sas-7 t'April 2008.

**3.5.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li tinkiteb ittra lill-Avukat tal-Kunsill Dott. Edward Woods bħala risposta għall-ittra li ntbagħtet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma dwar kontijiet pendenti ta' l-ilma fis-sit 123 Triq Cameron minħabba l-fatt, li skont il-Korporazzjoni hawn fuq msemmija, l-applikazzjoni tal-bidla tiġi effettwata biss, meta minn jissottometti l-applikazzjoni, jħallas il-pagamenti pendenti u l-ispejjeż amministrattivi.

Il-Kunsill ġie nfurmat, li kien sar il-ħlas tal-kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma għall-perjodu li dan il-post kien f'idejn il-Kunsill filwaqt li s-Sur Stivala minkejja li ffirma l-applikazzjoni, kien qed jikkontesta l-ħlas pendenti minħabba, li l-qari meħud fuq il-post u dak li kien hemm fl-aħħar kont, ma jaqblux u għalhekk ried li jkun il-Kunsill li jissottometti l-applikazzjoni.

F'dan l-istadju, l-Kunsillier Ian Micallef informa, li kien hemm sentenzi mogħtija mill-Qorti li fejn kien hemm kuntratti ta' bejgħ, ma jkunx hemm għalfejn tiġi sottomessa l-formola.

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li jitħallas l-ammont ta' €150 per annum *excluding VAT* lid-ditta ITS għas-*Sage Pastel Partner Support Agreement* mill-1 t'Awwissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2009.

**3.7.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għat-talba li saret mis-Sinjura Roza Zammit Salinos sabiex tbiegħ *second hand items and self made articles* fix-Xatt tal-Gżira bħala *fund raising for animal awareness, animal welfare and the neutering of abandoned animals*.

**3.8.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għat-talba li saret mid-ditta GasanMamo sabiex tiġi nstallata tabella li taqra *GO LEFT* quddiem il-*gate* tal-*parking area* tagħhom sakemm l-ispejjeż jitħallsu mid-ditta hawn fuq msemmija.

**3.9.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li tingħata donazzjoni ta' €116.47 għall-attivita' *Edenfest* li ser issir fit-28 ta' Settembru 2008.

**3.10.** Inqrat *e-mail* datata 17 ta' Ġunju 2008, mibgħuta mill-Kunsillier Victor Rutter dwar kjarifiki ta' xi punti mill-minuti tat-22 ta' Mejju 2008 kif ukoll, ir-risposta mibgħuta mill-Kunsill fit-30 ta' Ġunju 2008.

**3.11.** Il-Viċi-Sindku Dunstan Attard qal, li rigward il-ħlas mill-Kunsill għall-librara, kien ħa parir li din titħallas għal tmien siegħat jiġifieri erba' mid-Dipartiment tal-Bibljoteki u Arkivji u erba' mill-Kunsill Lokali, iżda l-librara minn naħa tagħha trid tivverifika mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali dwar il-ħlas tal-bolla. Huwa kompla jgħid, li kien ser jinfurmaha b'din il-materja.

**3.12.** Il-Kunsill ġie nfurmat li minħabba ftehim bejn il-Ministeru għall-Investiment u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Kunsilli Lokali dwar aċċess akbar għall interess pubbliku, li kien tnaqqas l-ammont ta' €139.76 direttament mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2008 jiġifieri, mit-tieni *tranche'*.

**3.13.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 672 sa Nru. 723 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Rigward *Request Sheets* Nru: 720 *Aguis Marble Works* il-Kunsillier Joe Camilleri reġa' nforma, li għan-nom tal-Kunsill, ftiehem mas-Sur Aguis sabiex waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet, ikun preżenti fuq il-post kif fil-fatt sar u qal, li x-xogħol sar minn tlett ħaddiema u mhux erba' u x-xogħol fuq il-bażi kien jinkludi t-tneħħija tal-ħamrija u jimtela bil-konkos. A bazi ta' din l-ispjegazzjoni minkejja li *invoice* nru. 83 ġiet ċertifikata mill-Perit tal-Kunsill, il-Kunsill Lokali żamm mad-deċizjoni meħuda fl-aħħar laqgħa tiegħu.

Fir-rispett ta' l-*invoice* Nru. 82 iċ-*Chairman* qal, li sakemm isiru l-emendi neċessarji fl-*engraving*, il-ħlas ta' €430.00 jibqa' pendenti u għalhekk għandu jitħallas biss dak ta' *Request Sheet* Nru. 720 jiġifieri €1164.00

Wara li saret din il-kjarifika, r-*Request Sheets* minn Nru. 672 sa Nru. 723 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 5. Approvazzjoni ta' l-*Annual Report* u l-*Financial Statements* mħejji mill-Awditur tal-Gvern

**5.1.** Matul id-diskussjoni li saret dwar ir-rapport hawn fuq msemmi (Ara *appendix* Nru: 2) li kopja tiegħu ntbagħtet lil kull Kunsillier ma' l-*Agenda* fejn il-kummenti kienu, li fil-*cash flow* kien sar titjib sostanzjali u dan minħabba l-fatt, li kien sar ukoll il-bejgħ ta' 123 Triq Cameron. Iż-żieda fl-i*street lighting* kienet minħabba manutenzjoni fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira, kemm l-*Annual Report* kif ukoll, l-*Financial Statements* ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

## 6. Konklużjoni kawża 123 Triq Cameron (Sur Borg Ginger)

**6.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq msemmi ċ-*Chairman* qal, li s-Sur Borg Ginger kien ċeda l-kawża u legalment hu kellu jħallas l-ispejjeż.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu seta' jikkonferma li mill-bidu kien ġie deċiż li l-ispejjeż legali u ġudizzjarji jitħallsu mill-Kunsill.

Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li jitħallas l-ammont ta' €964.75 (Lm414.17) konvenut Frank Caruana għar-raġunijiet hawn fuq msemmija.

**6.2.** Iċ-*Chairman* talab biex tiġi sospiża l-laqgħa sabiex terġa' tiġi diskussa *item* Nru: 7 ta' l-*Agenda* preċedenti – Diskussjoni u Deċiżjoni dwar ħinijiet u ġranet għall-laqgħat tal-Kunsill.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

Iċ-*Chairman* qal, li hu xtaq li din il-materja tiġi solvuta minħabba diverġenza fil-ħinijiet u tkun miżura ta' darba biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jasal fi ftehim u tingħata risposta għal dak li deher fil-ġurnal il-Mument tat-13 ta' Lulju 2008. Huwa kompla jgħid, li minn naħa tiegħu seta' biss it-Tlieta u l-Ħamis minħabba li fil-ġranet l-oħra jkun xogħol.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li jekk kemm –il darba l-laqgħat jibdew isiru t-Tlieta jew il-Ħamis, minħabba l-fatt, li hu jkun għadu x-xogħol sal-5.00 p.m. jkollu jitlaq mill-laqgħa fis-6.00 p.m. peress li jkun irid jiftaħ l-uffiċċju personali tiegħu. Huwa kompla jgħid, li d-Direttur tiegħu ma jippermettilux li jitlaq qabel mix-xogħol minħabba l-laqgħa tal-Kunsill u ma setax jifhem għalfejn kienet qed tinħoloq din il-problema meta ħadd ma jaħdem wara l-5.00 p.m. Huwa qal ukoll, li wara kollox il-paga kien jeħodha mix-xogħol u l-prijorita' għandha tingħata fuq il-ħinijiet tax-xogħol.

Huwa żied jgħid, li fir-rispett tal-funzjoni tiegħu bħala Kummissarju tal-Ġustizzja, kien daħħal din il-klawżola fil-kuntratt tax-xogħol.

Il-Kunsillier Victor Rutter qal, li hu jkun jista' mit-Tnejn sal-Ġimgħa basta wara l-5.00 p.m. minħabba l-fatt, li anke l-*Manager* tiegħu ma jibgħatux qabel. Huwa kompla jgħid, li ebda Kunsill ma jagħmel il-laqgħa waqt il-ħin tax-xogħol u reġa sostna li jekk il-laqgħa ssir qabel il-5.00 p.m. hu ma jkunx jista' jattendi.

Iċ-*Chairman* qal li r-regola tgħid, li l-laqgħa ssir f'ħin li jkun jista' kulħadd, dik li m'għandux dan il-Kunsill u għandna nieħdu nkonsiderazzjoni l-pożizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Viċi-Sindku qal, li wieħed irid iħares lejn iċ-ċirkostanzi ta' kulħadd u għalkemm din kienet darba fix-xahar iżda l-problema tibqa', l-ħin. Għalhekk, kien qed jissuġġerixxi li l-laqgħa ssir fuq bażi olternattivi jiġifieri waħda ssir fis-2.30 p.m. u oħra ssir fil-5.00 p.m.

Il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri ma qablux li l-laqgħa ssir wara l-5.00 p.m. minħabba l-fatt, li huma jkunu l-Kunsill il-ġurnata kollha u għandhom l-impenji tagħhom.

F'dan l-istadju, ċ-*Chairman* qal li minħabba l-fatt, li l-Kunsillier Ian Micallef kellu jitlaq minħabba mpenn ta' xogħol, din il-materja għandha titkompla.

Il-Kunsillier Ian Micallef telaq fis-6.30 p.m. u baqa' jsostni li l-laqgħa għandha ssir wara l-5.00 p.m.

## 7. Diskussjoni u Deċiżjoni *Business Plan – Activities Centre*

**7.1.** Ġiet ppreżentata *Business Plan* dwar l-*Activities Centre* li kopja tagħha ntbagħtet ma' l-*Agenda* (ara *Appendix* Nru: 3).

Il-Viċi-Sindku qal, l-*Business Plan* hi dinamika u tista' tinbidel skont iċ-ċirkostanzi. Huwa kompla jgħid, li l-*Activities Centre* ser ikun punt ta' referenza għar-residenti Gżirjani u jiżdiedu l-attivitajiet fil-lokalita'.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li x-xogħol li sar s'issa kien kollu minn naħa tal-propjetarju u ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill tliet kwotazzjonijiet tal-kmamar tal-banju li kienu:

| | |
|---|---|
| Moda Bagno | €1,022.00 |
| B & M Supplies Ltd | €2357.13 |
| Bathroom Design | €1,915.00 |

Huwa qal ukoll, li l-Perit issuġġerixxa li għat-tqiegħed tal-kmamar tal-banju, l-Kunsill jqabbad lill-istess persuna li kien qed jagħmel xi xogħlijiet f'dan is-sit.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li tintagħżel il-kwotazzjoni ta' Moda Bagno għall-ammont hawn fuq msemmi kif ukoll, mas-suġġeriment tal-Perit.

**8. Diskussjoni u Deċiżjoni dwar il-proċedura tas-servizz offrut mid-ditta Conmal**

**8.1.** Inqrat *e-mail* datata 25 ta' Lulju 2008, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar is-suġġett hawn fuq msemmi minħabba l-fatt, li l-Kunsill ma kienx ħareġ Sejħa għall-Offerti għal dan il-kuntratt u mingħajr ma ġew esegwiti l-proċeduri

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li nwieġbu lid-Dipartiment hawn fuq msemmi li din il-materja qed tiġi riveduta u li kienet ser tiġi diskussa fil-laqgħat li ġejjin.

**9. Diskussjoni u Deċiżjoni dwar ħruġ ta' *Tender for the Upgrading works at Council of Europe Gardens Gżira***

**9.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq msemmi, l-Kunsill iddeċieda unanimament li jinħatar Kumitat fejn iċ-*Chairman* ikun is-Sindku u fin-nuqqas tiegħu jkun il-Viċi-Sindku u tlett Kunsillieri, Joe Camilleri, Malcolm Camilleri u Anthony Abela bħala *Chairman* responsabbli mill-Ambjent sabiex flimkien jiddiskutu t-*tender* li ħareġ il-Perit dwar l-*embellishment* tal-Ġnien li l-fondi għal dan il-għan ser jingħataw mill-U.I.F. Meta dan id-dokument jiġi diskuss, it-*tender* jista' jiġi ppubblikat mingħajr il-bżonn li jitressaq għall-laqgħa tal-Kunsill.

**10. Diskussjoni u Deċiżjoni dwar ħruġ ta' *Tender* ta' *re-surfacing* tal-parti t'isfel ta' Triq Belvedere**

**10.1.** Matul id-diskussjoni li saret rigward is-suġġett hawn fuq msemmi, l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li minħabba l-fatt li kien ser isir ħafna żvilupp, dan il-proġett għandu jiġi diskuss ma' l-entitajiet u kien qed jipproponi, li l-Kunsill jinstalla' s-servizzi kollha meħtieġa u l-entitajiet konċernati jħallsu għall-użu tagħhom u l-Kunsillier Anthony Abela qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill ikun qed jarmi flusu u dan kien qed jgħidu minħabba l-fatt, li din il-parti tat-triq kella ssir mill-Gvern Ċentrali sas-sena 2008.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu kien jaqbel kemm ma' dak li qal il-Kunsillier Anthony Abela kif ukoll, minħabba l-iżvilupp li kien ser isir.

Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri għandhom xahar ċans biex jistudjaw dan il-proġett.

**11. Affarijiet Oħra**

**11.1.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter li jingħata l-ammont ta' €350.00 bħala parti mill-ispejjeż lill-*Club* tal-Boċċi.

**11.2.** Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Joe Xuereb kien sar membru tal-Kumitat ta' l-Anzjani.

**11.3.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kuntratt tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali kien skada fil-31 ta' Lulju 2008.

**11.4.** Il-Kunsill ma laqax it-talba li biex jintrama' l-fustun tad-dawl fix-xatt matul ix-xhur sajfin, il-Kummissjoni Festi Esterni kienet qed titlob €1,000.

**11.5.** Rigward il-każ ta' Angie Azzopardi, - żewġ *skips* fi Triq ix-Xatt, iċ-*Chairman* qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill ma kellux jidħol f'din il-problema ġa la darba ma kellux l-appoġġ ta' l-Awtoritajiet kompetenti.

**12. Laqgħa Oħra**

**12.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiiv |

Ref No. K323/42/08

22nd August 2008

The Director
Department for Local Government
Chateau De La Ville
21 Archbishop Street
Valletta

Dear Sir

**Re: Audit for the year ending March 2008**

In reply to the Management Letter dated 5th August 2008, the Gżira Local Council would like to thank Messers J. Scerri & P. Degiorgio who conducted the Council's annual audit for the financial year end 31st March 2008. The Gżira Local Council was pleased with the smooth conduct of the audit process, which kept the office in full operation of its duties.

The Gżira Local Council has always given the necessary weight and dedication to the Management Letters so that any short comings could be corrected. The Council would like to comment as follows:-

**Local Enforcement System & Savoy Gardens**

In reply to points 2 and 5 of the Management Letter, the Gżira Local Council, since its start of operation, has adopted financial prudence concepts, which will safeguard the Council from any cash deficits that might arise due to latencies or revision of funds from third parties. Moreover, the Council is at a financial stronghold due to these internal policies.

**Bad debts provision**

With respect to point 3, the Council is in full agreement with this provision as discussed during the course of audit.

**Accruals**

The Gżira Local Council has performed an exercise to clear off all the creditors for the year ending 31st March 2008, hence our creditor list has a zero balance. The accruals where not inputted before hand as these where a point for discussion during the audit process.

**Accounting Procedures**

During the course of the audit, the Council came to notice an accounting error of two invoices for services carried out in April 2008, which where entered as at 31st March 2008. The Council took the necessary provisions to reverse such and informed the Auditors of such practice, who cordially agreed.

Once again the Council would like to thank Mr. J Scerri and Mr. P. Degiorgio for the smooth conduct of the annual audit.

Thanking you for your attention, kind regards

Yours faithfully

Dr. Chris Bonett B.A. LL.D.
Mayor

c.c. Messers J. Scerri & P. Degiorgio
National Audit Office

Gzira Local Council

**Ref No: K284/119/08**

**July 2008 KLG5/20**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 672 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9512 Job No: 7277 – Traffic Signs | 39.83 | 5501 |
| 673 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 9528 Job No: 7296 Traffic Signs | 61.37 | 5502 |
| 674 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9537 Job No: 7840 – Road Markings | 250.02 | 5503 |
| 675 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9655 Job No: 1164 – Hand Railing & Scarify | 244.39 | 5504 |
| 676 | Enemalta Corporation invoice TD/INV09909 Updating of Data Base/demarcation exp. | 233.00 | 5505 |
| 677 | Home & Industry Supplier Ltd invoice Żebgħa tar-ramel | 750.00 | 5506 |
| 678 | Local Councils Association Laqgħa tal-Kunsillieri 31.05.2008 | 64.00 | 5507 |
| 679 | Environmental Landscapes Cons. Ltd invoice 004234 Maint of soft areas June 2008 | 2212.93 | 5508 |
| 680 | GO plc invoice 20744743 Tel: 21341616 Rent July Calls June 2008 | 26.44 | 5489 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 681 | GO plc invoice 20745606 Tel: 21322157 Calls June Rent July 2008 | 191.07 | 5490 |
| 682 | GO plc invoice 20744732 Tel: 334254/341034 Calls June Rent July 2008 | 64.15 | 5491 |
| 683 | Stardelta Hardware Store Invoice 3993339 | 13.00 | 5509 |
| 684 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397643 Door to Door Collection July 2008 | 5590.50 | 5510 |
| 685 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397644 Hire of Skips July 2008 | 432.87 | 5511 |
| 686 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397645 Public Convenience June 2008 | 836.06 | 5512 |
| 687 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397646 Ġbir tal-karti tal-Festa | 93.18 | 5513 |
| 688 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397647 Bulky Service June 2008 – 153 Calls | 837.53 | 5514 |
| 689 | Mr. Joe Borg Spejjeż papri July 2008 invoice No: 91 | 46.59 | 5518 |
| 690 | G4S (Malta) Ltd invoice 25366 – 4 Trips June 2008 | 30.26 | 5519 |
| 691 | Steve R. Farrugia Street Sweeping Grass Cutting June 2008 | 4588.85 | 5520 |
| 692 | Steve R. Farrugia Street Sweeping on Sundays –June 2008 | 378.52 | 5521 |
| 693 | Conmal Ltd invoice 1264 Garden/Edgar Bernard maint bozoz | 63.36 | 5522 |
| 694 | Conmal Ltd invoice 1258 Tal-Qroqq New Luminaire | 128.12 | 5523 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **695** | **Central Flower Shop invoice No: 8260 Attivita' 20.07.08 Joe Muscat** | **25.00** | **5499** |
| **696** | **Melita plc invoice 25240816 – Hello service June 2008** | **176.40** | **5515** |
| **697** | **Melita Plc invoice 25316554 – 01.07.08 - 31.08.08** | **23.30** | **5516** |
| **698** | **Alfa Co. Ltd invoice 45950 Print Server** | **80.00** | **5527** |
| **699** | **David Grasso – Summer Music Nights 02.07.08** | **93.18** | **5524** |
| **700** | **David Grasso – Summer Music Nights 16.07.08** | **93.18** | **5525** |
| **701** | **Gżira Parish Church – spejjeż – attivita' 11.07.08 – Anzjani** | **60.00** | **5458** |
| **702** | **Alberta Fire & Safety Security invoice 30046005** | **3.54** | **5528** |
| **703** | **Squire Bookshop invoice 6566 Newspapers June 2008** | **32.35** | **5529** |
| **704** | **Squire Bookshop invoice 6557 Stationery June 2008** | **21.40** | **5530** |
| **705** | **Bitmac Ltd – Asphalt for potholes** | **77.00** | **5481** |
| **706** | **Best Wishes – 2397 708 Stationery** | **81.48** | **5535** |
| **707** | **Media Link invoice 039544 Advert Laqgħa tal-lokalita' 24.06.08** | **68.44** | **5536** |
| **708** | **Union Press Co. Ltd invoice 41318 Advert Laqgħa tal-Lokalita' 24.06.08** | **75.54** | **5537** |
| **709** | **Allied Newspapers Invoice ASI290715 Advert Laqgħa tal-Lokalita' 24.06.08** | **74.13** | **5538** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 710 | Gauci Borda & Co. Ltd invoice 011003 Maltese Flag | 23.29 | 5539 |
| 711 | Paparukei Catering ltd Invoice – Attivita' 20.07.08 Dr. Joe Muscat | 22.60 | 5498 |
| 712 | Oġġetti Stationery – Visitor's Book Attivita' 20.07.08 J. Muscat | 13.99 | 5497 |
| 713 | Mr. Silvio De Leonardo – maintenance and repairs air conditioners | 50.00 | 5494 |
| 714 | Horace Enterprises Ltd invoice 4185 Gieħ il-Gżira u Ħadd Għalik | 74.88 | 5540 |
| 715 | Melita Cable plc invoice 25384136 Hello 08.07.08 – 07.08.08 | 169.92 | 5541 |
| 716 | Standard Publications Ltd Advert Locality Call 24.06.08 | 52.86 | 5549 |
| 717 | P.B.S. invoice No: 2008500364 advert locality call 24.06.08 | 8.85 | 5456 |
| 718 | Mount Carmel Band Club reklam fil-fuljett tal-festa | 70.00 | 5548 |
| 719 | The Toolbox – invoice Nos: 7682 – 7676 7660 – 7659 – 7650 – 7710 – 7716 - 7734 | 135.93 | 5545 |
| 720 | Aguis Marble Works Ltd re: monument Willie Apap | 1164.00 | 5544 |
| 721 | Sundew Enterprises Ltd invoice LC008 20% share of common parts 01.01.2008 31.12.2008 | 233.64 | 5542 |
| 722 | Sundew Enterprises Ltd invoice 011 Water & Electricity 01.01.08 – 30.06.08 | 585.60 | 5543 |
| 723 | Mr. David Grasso Summer Music Nights 23 July 2008 | 93.18 | 5526 |